DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/55

tal-10 ta' Jannar 2019

li tikkoreġi l-verżjonijiet bil-Bulgaru u bil-Franċiż tad-Deċiżjoni 2004/558/KE li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE li tirrigwarda garanziji addizzjonali għan-negozju intra-Komunitarju ta' annimali bovini relatati mar-rinotrakeite bovina infettiva u l-approvazzjoni tal-programmi ta' qerda ppreżentati minn ċerti Stati Membri

(notifikata bid-dokument C(2019) 8)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikulari l-Artikoli 9(2) u 10(2) tagħha,

Billi:

(1) Il-verżjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE [2] bil-Bulgaru u bil-Franċiż fihom żball fl-Artikolu 3(1)(b). Il-verżjonijiet bil-Bulgaru u bil-Franċiż jirreferu għal kampjuni tad-demm li jridu jittieħdu mill-annimali bovini għat-trobbija u l-produzzjoni inqas minn 21 jum wara l-wasla tagħhom fil-faċilità ta' iżolament, filwaqt li l-garanzija korretta għall-kampjuni tad-demm li jridu jittieħdu hija mhux qabel 21 jum wara l-wasla tagħhom fil-faċilità ta' iżolament.

(2) Għalhekk jenħtieġ li l-verżjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE bil-Bulgaru u bil-Franċiż jiġu kkoreġuti kif xieraq. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn mhumiex affettwati.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE tal-15 ta' Lulju 2004 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE li tirrigwarda garanziji addizzjonali għan-negozju intra-Komunitarju ta' annimali bovini relatati mar-rinotrakeite bovina infettiva u l-approvazzjoni tal-programmi ta' qerda ppreżentati minn ċerti Stati Membri (ĠU L 249, 23.7.2004, p. 20).